MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 813/1997/1

Christopher Pace
vs
Kummissarju tat-Taxxi Interni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn l-1988 u l-1995 ir-rikorrent kien impjegat bhala Principal fid-Dipartiment ta' l-Inland Revenue. Hu ggradwat fl-accountancy u anke jippossjedi certifikat li hadem fid-Direttorat ta' l-Unjoni Ewropea ghal hames xhur bejn Marzu u Awissu 1989.

Illi kemm dam impjegat ma l-intimat hu sofra diversi ingustizzji:
Illi fost ohrajn kien hemm il-kaz meta l-Financial Services Centre (fejn hemm diversi privileggi u beneficcji aktar minn dipartimenti ohrajn) intbaghtet persuna li kull ma kellha bhala kwalifiki kien biss certifikat wiehed fl-O Level

fl-accountancy meta r-rikorrent kien jippossjedi degree universitarju. Dan huwa post fejn degree universitarju hija sine qua non, tant li din il-persuna giet lura. Minflokha regghu ntbaghtu ohrajn li ma kellhomx il-kwalifiki li kellu r-rikorrent, tant li wiehed minnhom lanqas kien ghamel b'success ezami bil-miktub ta' Senior Principal;

Illi r-rikorrent kien impjegat ma' l-intimat fit-Taqsima tal-Kumpaniji peress li huwa gradwat. Beda jisma li ser jigi trasferit ghas-sezzjoni tal-business, u dan kien ifisser li ser jaghmel pass lura. Meta r-rikorrent mar jipprotesta mall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, dan b'arroganza kbira qallu li ma kellux hin ghalih.

Gara li s-sezzjoni tal-Kumpaniji giet ristrutturata fis-sens li kien hemm "group A u group B". Fi group A hadmu Principals b'xoghol specjalizzat u fi group B kien jinghata xoghol inferjuri li ghal min hu kkwalifikat bhar-rikorrent huwa xoghol umiljanti. Fil-fatt ir-rikorrent intbaghat fi "Group B" minkejja l-kwalifiki hafna aktar minn dawk li tpoggew fi "Group A".

Illi dan il-fatt irrifletta avversament fuq ir-rikorrent, anke f'sens finanzjarju, dan ghaliex f'xoghol specjalizzat kien jinghata "overtime" li hu ma setax jibbenefika minnu;

Illi kull meta kienu jsiru laqghat ghall-Principals dwar il-policies tad-dipartiment, ghal ebda raguni spjegabbli r-rikorrent ma kienx jigi mistieden biex jiehu sehem;

Illi l-akbar pregudizzju li sofra r-rikorrent kien meta effettivament inghata transfer ghall-Medical Stores. Mhux biss kien xoghol umiljanti, ghax ghal dak ix-xoghol ir-rikorrent kien "over qualified" izda dan issarraf ghal darb'ohra f'telf finanzjarju ghax tilef kull access ghall-overtime li kien jaghmel fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni meta kien fi Group B tal-Kumpaniji (Liquidations). Mar-rikorrent poggew persuna li kienet qrib sewwa ta' Segretarju Parlamentari ta' dak iz-zmien u kien bniedem arroganti. Ir-rikorrent ma riedx li jibqa' jiehu l-ordnijiet minn din il-persuna ghax ftit ftit kien qed jaghmlu tapit kif

kien ser ikollu okkazzjoni jispjega fid-dettal fil-kors ta' dan ir-rikors.

Illi kien rega' gie trasferit ghal darb' ohra u din id-darba ghall-Qorti. Fil-file tieghu sabu dokumenti neqsin bhal ma kien il-Personal rating Report li kien ghamel fuqu J.J. Calleja. Kienu ratings gholjin hafna.

Illi ghalhekk kien jidher b'mod pales li saru diversi ingustizzji mar-rikorrent li kienu jimmeritaw li jigu investigati;

Ghaldaqstant ir-rikorrent ghar-ragunijiet fuq imsemmija talab lit-Tribunal joghgbu jinvestiga l-kaz tieghu u jordna li jigi impjegat f'dipartiment relatat mal-kwalifiki akkademici li jippossjedi u/jew jordna li jithallas lir-rikorrent dak l-ammont li jidhirlu xieraq it-Tribunal in linea ta' kumpens.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li eccepixxa:

Illi l-ilment huwa infondat stante li r-rikorrent qed jilmenta li ma kienx gie maghzul biex jahdem mal-Malta Financial Services Centre. Fil-fatt f'dan ic-centru hemm fergha tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Bla dubju ta' xejn hi prerogattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni jqassam l-impjegati tieghu fl-ahjar interess tad-dipartiment u skond il-kapacitajiet individwali ta' l-ufficjal pubbliku. L-istess jista' jinghad dwar caqlieq ta' impjegati minn sezzjoni ghal ohra fl-istess Dipartiment. Dwar transfers minn dipartiment ghall-iehor dawn isiru skond l-esigenzi tas-servizz. Illi l-fatt li jsir transfer ma jfissirx li awtomatikament persuna tkun sofriet ingustizzja minhabba distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita.

Ghal dak iz-zmien li r-rikorrent hadem ma' dipartimenti ohra, l-intimat irreleva li huwa ma setax jigi tenut jirrispondi ghal dak li jkun gara f'dipartimenti ohra.

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrent.
Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra' l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li dahal jahdem mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni f' Settembru tal-1988 u dam sa Frar tal-1995 meta mbaghad gie moghti transfer. Qal li kellu l-grad ta' Principal u kien jahdem fuq l-assessments tal-Kumpaniji. Semma li ggradwa bhala 'accountant' fl-1987 u ghandu wkoll post graduate training certificate li kiseb fl-1989 mill-Komunita` Ewropeja u kellu wkoll 'Post Graduate Diploma in Financial Policy' u kiseb il-warrant ta' accountant fl-1990. Spjega li l-moral tieghu fuq ix-xoghol tbaxxa meta fl-1992 saret ristrutturazzjoni fejn is-sezzjoni tal-Kumpanija minn sezzjoni wahda giet maqsuma fi tnejn, u hu gie mitfuh f' sezzjoni B. Qal li hu qatt ma gie konsultat dwar it-tibdil li sar. Spjega li meta mar f'sezzjoni B ix-xoghol tieghu nbidel minn 'assesments' tal-kumpaniji ghal 'liquidations' tal-kumpaniji u barra minn hekk dawk f'sezzjoni B kienu qed jigu stimati Principals tat-tieni klassi, fis-sens li dak ix-xoghol importanti li kellu jsir minn nies gradwati bhalu ma kienx jinghata lilu. Semma wkoll li min-nies li ntbaghtu f'sezzjoni A, erba' biss kienu gradwati, Randolph Aquilina, Aldo Farrugia, Antoine Zammit u Victor Vella imma l-ebda wiehed minnhom ma kellu kwalifiki daqsu. Qal li kien jigi diskriminat anki ghax ma kienx jigi invitat ghall-laqghat li kienu jsiru ghall-Principals.

Zied ighid li ftit qabel ma nghata t-trasferiment beda jisma' li ser jigi trasferit ghas-sezzjoni tal-buisness li ghalih kien ifisser li ser imur pass lura professjonalment. Wara qal li

mar biex jipprova jkellem lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, lil Albert Mifsud, biex jitlob kjarifika fuq il-pozizzjoni tieghu izda dan irrifjuta li jkellmu u ghalhekk kellu argument mieghu, u xi hames xhur wara, fi Frar 1995 gie trasferit ghad-Dipartiment tas-Sahha fil-Medical Stores. Qal li gie nfurmat b' dan minn Joe Galea Musu` li dak iz-zmien kien 'Assistant Head' tad-Dipartiment. Qal li hemmhekk kien in charge mir-Registry u x-xoghol li kien jaghmel ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwalifiki tieghu. Esebixxa kopji ta' artikoli fil-gurnali li ddeskrivew certi affarijiet li saru fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni a fol 22 u 23.

In kontro ezami qal li hi procedura normali li tiehu l-warrant sentejn jew tlieta wara li tiggradwa, u stante li biex tiehu l-warrant irid ikollok certa esperjenza u hu kien gie mibghut fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni propju biex jiggwadanja l-esperjenza. Dwar l-MFSC (Malta Financial Services Centre) qal li hu Dipartiment ahjar minn dipartimenti ohra peress li taghmel hafna kuntatti, hemm iktar opportunitajiet biex issiefer u hemm iktar fringe benefits. Qal li sa fejn jaf hu min hemm fl-MFSC bhalissa kullhadd gradwat. Semma li biex tahdem fis-sezzjoni tal-assessments kif kien hu mhux necessarjament tkun gradwat izda idealment tkun gradwat. Semma li biex tahdem fil-liquidation tal-Kumpaniji jrid ikollok certu taghrif u esperjenza fuq l-accountancy, izda hu kien iqis din is-Sezzjoni tal-Liquidation qisha bhala tat-tieni klassi komparata mas-Sezzjoni tal-Assessments.
Xehed <u>Joe Galea Musu`</u> li qal kien fl-Inland Revenue mill-1978 sal-1999 sakemm spicca bil-pensjoni, u fl-1995 kien Director Administration. Dwar sejhiet fl-International Tax Unit l-Imriehel qal li ma kienx il-persuna inkarigata minnhom hu, izda qal li jiftakar li xi nies mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni f'dan it-Tax Unit izda kienu gew sekondati u ma giex imdahhal f'din l-affari. Qal li jiftakar li zewg persuni kienu ntbaghtu on secondment mat-Tax Unit u dawn huma Anton Farrugia u Anton Vella Laurenti u dawn kienu assessuri tal-kumpaniji. Semma li dawn il-persuni jigu indikati mill-Kap tas-Sezzjonijiet li jissuggeruhom ghax ikunu jafu lin-nies individwalment. Ikkonferma li r-rikorrent qabel l-1995 kien jaghmel l-overtime u l-haddiem kien intitolat ghall-overtime. Qal li s-sistema dakinhar kienet li

kien hemm min ma kienx qualified accountant u kien jaghmel ix-xoghol ta' accountant li kien hemm.

Xehed Joe Smith Assistent Direttur fl-Administration and Management fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Qal li jkun hemm impjegati tad-Dipartiment li jkunu fis-sezzjoni tal-MFSA biex jiehdu hsieb it-tassazzjoni ta' kumpaniji offshore. Hu kkonferma li hi prerogattiva tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni lil min jibaghtu fl-MFSA. Mit-tiftix li ghamel sab li qabel l-1990 kien hemm zewg sezzjonijiet fil-kumpaniji mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni li kienu Company A u Company B u apparti dan kien hemm sezzjoni ohra tal-buisness li kienet taghmel parti mill-Kumpaniji izda ma kien hemm l-ebda differenza fis-salarju bejn Grupp A jew Grupp B. Qal li r-rikorrent dak iz-zmien kien Principal.

In kontro ezami qal li ma ra xejn bil-miktub dwar it-trasferiment tar-rikorrent. Hu vverifika dwar Company A u Company B u qal li spiccaw fl-1994 u hu ma kienx jafx dan bhala fatt ghax ma kienx hemm dak iz-zmien izda konferma dan mas-Sur Mario Borg tad-Dipartiment li llum hu Head tal-Companies Section u tal-Assessments u dak iz-zmien kien jahdem hemm. Hu kkonferma wkoll li l-Business Section hi separata mill-Kumpaniji. Semma li mill-file ma jirrizultax ghaliex ir-rikorrent kien inghata dan it-trasferiment u ma tirrizulta l-ebda raguni ghal dan it-trasferiment. Qal li d-Dipartiment li kien jahdem fih ir-rikorrent kien dejjem ghaddej bl-overtime waqt li ma kienx jaf jekk kienx hemm overtime fid-dipartiment fejn gie trasferit ir-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**

L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq zewg aspetti u cioe` dik li: A] ir-rikorrent meta kien jahdem mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma kienx stmat kif suppost u ma kienx jigi allokat xoghol ta' importanza sufficjenti, ma giex assenjat doveri importanti u anqas gie trasferit mas-sezzjoni tal-Financial Services Centre, u sekondarjament B] fuq it-transfer li r-rikorrent ha mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-Medical Stores.

**A]** L-ewwel ilment hu li ***r-rikorrent meta kien jahdem mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ma kienx stmat kif suppost*** u ma kienx jigi allokat xoghol ta' importanza sufficjenti, ma giex assenjat doveri importanti u anqas gie trasferit mas-sezzjoni tal-Financial Services Centre. Jinghad li t-Tribunal ghandu t-termini tal-kompetenza tieghu stabbilita mill-Kap 394 u inoltre jaghmel referenza ghall-pronunzjament tieghu fid-diversi sentenzi u senjatament ghall-kawza fl-ismijiet Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited deciza minnu fl-14 ta' Dicembru 1999. It-Tribunal m' ghandux id-dritt li jindahal f' decizjoni amministrattiva ta' ghaliex persuna giet allokata l-assessments fuq Company A u fuq Company B jew ghaliex persuna taqdi d-doveri fis-sezzjoni tal-Financial Services Centre jew le, hlief fil-kaz ta' ingustizzja manifesta ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita. Fil-kaz in ezami din l-ingustizzja manifesta certament ma gietx ippruvata u infatti l-istess rikorrent jilmenta li meta nghata transfer ghal dipartiment iehor hu tilef hafna flus f' overtime. Hawn id-domanda tohrog wahedha kif inhi li r-rikorrent jista' jghid li kienet issir ingustizzja ta' distinzjoni kontra tieghu meta hu stess qed jiddikjara li kien jiggwadanja hafna flus minn overtime. Certament li ghalhekk l-ilment tar-rikorrent dwar dan l-aspett jinkwadra ruhu biss f' nuqqas ta' allokazzjoni ta' dawk id-doveri li xtaq hu li certament setghu jkunu ta' natura ingusta izda li min-naha l-ohra ma jinkwadrawx ruhhom f' element sindakabbli minn dan it-Tribunal u ghalhekk taht dan l-aspett it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

B] It-tieni aspett tal-ilment hu dwar ***it-transfer li r-rikorrent ha mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-Medical Stores***. Jirrizulta li r-rikorrent kienet persuna gradwata u jidher li kien ghal qalbu fix-xoghol li kien jaghmel fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u li kien jaqla' flus apparti l-paga diversi somom ta' overtime. Ma ngabet ebda prova li r-rikorrent kien b'xi mod insubordinat u anqas li kien hemm xi rapporti negattivi fuqu ghalkemm jidher li kien hemm certu nuqqas ta' ftehim bejn ir-rikorrent u s-superjuri tieghu dwar l-allokazzjoni tad-doveri moghtija lir-rikorrent. Izda dan anqas biss inghata bhala raguni

ghaliex sar it-trasferiment. Infatti l-intimat f' ebda stadju ma ta raguni ghaliex ir-rikorrent gie trasferit. Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa fil-kaz in ezami ma saret ebda prova ta' xi esigenza tas-servizz ghat-trasferiment tar-rikorrent mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-Medical Stores. Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat f' dan ir-rigward. Ir-rikorrent semma wkoll transfer sussegwenti izda dan l-ewwelnett jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis*** minhabba li l-Att VIII tal-1997 ma japplika ghal ebda att jew ommissjoni li jigru wara l-15 ta' Mejju 1995 oltre li intimat odjern Kummissarju tat-Taxxi Interni ma kellu certament xejn x' jaqsam ma' xi trasferiment li sar in segwitu. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal isib biss gustifikat l-ilment tar-rikorrent dwar it-trasferiment tieghu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-Medical Stores.

Peress li ghalhekk isib l-ilment dwar transfer gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------